**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 254/17 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elf, disa' mija, u disghin (1990) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom wild, bl-isem J li twieled fid-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija, wiehed u disghin (1991) li llum huwa maggorenni;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber datat sitta (6) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002) (Dok B);

4. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi snin;

5. Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi m'hemmx manteniment dovut.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2017;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Novembru 2002;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.